MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 1291/2002/1

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Francis Caruana**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mitejn u tmien liri Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm208.52), bilanc ta' prezz dovut mill-konvenut skond client contract number 18774 rigward servizz li nghata bejn Awissu 2001 u Frar 2003.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deher ghas-seduti.

Semgha lill-avukat Dr. Michael Grech in rapprezentanza tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn u tmien liri Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm208.52), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez [mhux inkluzi d-drittijiet legali] huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**.

--------------------------------TMIEM--------------------------------